MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## ANNA FELICE

Seduta ta' l-20 ta' Frar, 2012

Mandat Numru. 126/2012/1

**G&P Borg Limited (C 16209) u ZAT Company Limited (C 8285)**

**vs**

**Anthony Stivala iben il-mejtin Emanuel u Carmen nee' Vella imwieled Pieta'**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors ta' G&P Borg Limited u ZAT Company, li permezz tieghu, ghar-ragunijiet hemm imfissra, talbu lil din il-Qorti tordna l-hrug ta' mandat ta' inibizzjoni kontra l-intimat sabiex jinzamm milli jbiegh, inehhi, jittrasferixxi jew jiddisponi inter vivos sew b'titolu oneruz jew gratuwitu xi proprjeta', u b'mod partikolari d-dar minghajr numru ufficjali, bl-isem ta' 'Liberty House', fi Triq il-Qaliet, San Giljan, inkluz il-gnien fuq wara, is-sottoswol u l-bejt u l-arja sovrastanti.

Rat ir-risposta ta' Anthony Stivala, li permezz taghha, ghar-ragunijiet hemm moghtija, talab lil din il-Qorti tichad it-talba ghall-hrug tal-mandat.

Rat id-dokumenti.

Rat l-atti kollha.

Semghet lid-difensuri.

Ikkunsidrat illi l-Art. 873 tal-Kap. 12 jipprovdi illi:

"*Art. 873(1) L-iskop tal-mandat ta' inibizzjoni hu dak li jzomm persuna milli taghmel kwalunkwe haga li tkun li tista' tkun ta' pregudizzju ghall-persuna li qed titlob il-mandat.*

*(2) Il-qorti m'ghandhiex tohrog tali mandat jekk ma tkunx sodisfatta li dak il-mandat huwa mehtieg sabiex jitharsu l-jeddijiet tar-rikorrent, u li dak ir-rikorrent prima facie jidher li ghandu dawk il-jeddijiet.*"

Bil-ligi, ghalhekk, huwa mehtieg li min jitlob il-hrug ta' dan il-mandat jipprova zewg affarijiet: l-ewwel li l-istess rikorrenti ghandu prima facie d-drittijiet li jsostni li ghandu u t-tieni li jekk ma jinharigx il-mandat mitlub, l-istess rikorrenti jsoffri pregudizzju. Dawn iz-zewg rekwiziti huma minnhom infushom kumulattivi u mhux alternattivi.

Fil-kaz in ezami, jirrizulta li l-partijiet iffirmaw konvenju dwar il-proprjeta' mertu tal-mandat. Madanakollu, ghadu ma giex iffirmat il-kuntratt ta' trasferiment u fil-kuntest inbdew proceduri gudizzjarji li ghadhom pendenti.

L-intimat isostni li jezistu diversi intoppi rigwardanti titolu li jehtieg li jigu solvuti qabel ma jkun jista' jsir il-kuntratt finali.

Madanakollu, il-Qorti tqis li dan kollu, mad-daqqa t'ghajn, ma jxejjinx id-drittijiet li akkwistaw ir-rikorrenti odjerni permezz tal-imsemmi konvenju u kieku kellha tinbiegh liberament il-proprjeta' mill-intimat Stivala huma zgur ser

ibatu pregudizzju. L-offerta’ da parti tal-intimat li jiggedded il-konvenju ma ssolvi xejn biex tissalvagwardja lir-rikorrenti odjerni li ghandhom prima facie dritt li jixtru dak li gie mwieghed lilhom.

Ghaldaqstant, il-Qorti taqta’ u tiddeciedi billi tilqa’ t-talba tar-rikorrenti kontenuta fir-rikors 126/12 datat 23 ta’ Jannar 2012; tinnomina lin-Nutar Mary Grech Pace sabiex tinnotifika l-istess mandat a tenur tal-Art. 874(3) tal-Kap. 12.

**< Digriet >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------